**6 ta' Novembru, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Edgar Bonnici Cachia *noe.*

*versus*

Oliver Agius *et*

**Personalità Ġuridika ta' Soċjetà Kummerċjali – Statut Soċjali li jirregola Relazzjonijiet ma' Terzi kif ukoll ma' Soċji – Dritt ta' Azzjoni ta' Direttur għan-Nom tas-Soċjetà – Rappresentanza Ġuridika ta' Soċjetà – *General Meeting* ta' Soċjetà – *Derivative Action*.**

*Kawża fejn l-attur ipprova jimpunja bejgħ ta' oġġetti mobbli. Il-punt prinċipali fiż-żewġ istanzi kien jekk direttur li kellu bżonn l-awtorizzazzjoni tal-Bord tad-Diretturi sabiex jaġixxi ġudizzjarjament f'isem il-kumpanija setax jipproponi atti mingħajr tali awtorizzazzjoni.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Kummerċ fis-sens li fil-kuntest ta' tali artikolu fl-istatut soċjali biex wieħed mid-diretturi jista' jirrapreżenta s-soċjetà fi proċeduri ġudizzjarji għandu bżonn l-awtorizzazzjoni tal-Bord tad-Direttur, awtorizzazzjoni li ma kienx hemm.*

*Biex tiġi eżerċitata azzjoni magħrufa fid-dottrina bħala "derivative action", l-attur ikun irid qabel xejn jissodisfa l-Qorti li ma kellux*

*rimedji oħrajn jew li jekk kellu eżawrihom inutilment.*

Il-Qorti:- Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-kummerċ tal-4 ta' Marzu, 1988, li minnha sar dan l-appell u li taqra hekk:

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi hu u l-konvenut Younis kienu azzjonisti tas-soċjetà attriċi kif fil-fatt għadhom, u kienu jiġġestixxu n-negozju fil-fond 159, The Strand, Sliema, fond li kien lokat lill-istess Younis f'ismu proprju; u billi fl-istess fond kien hemm diversi oġġetti li kienu proprjetà tal-kumpanija attriċi; u billi ad insaputa tal-attur l-istess Younis issulloka jew ta b'titolu ieħor l-istess fond lill-konvenut Agius u ċedielu wkoll l-istess oġġetti mobbli li ma kinux proprjetà tiegħu u b'dan il-fatt kien jaf il-konvenut Agius li ġie nterpellat inutilment biex jirritorna dawn l-oġġetti anke permezz ta' ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu, 1984;

L-istess attur talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut Agius fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss mill-istess Qorti jirritorna dawk l-oġġetti proprjetà tas-soċjetà attriċi li jiġu ndikati fit-trattazzjoni tal-kawża; in difett li jsir dan jiġi kkundannat mill-istess Qorti jħallas lill-attur nomine l-valur ta' kull oġġett li ma jiġix irritornat, liema valur jiġi wkoll indikat fit-trattazzjoni tal-kawża;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu, 1984 kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur w il-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Oliver Agius li biha eċċepixxa:

1. Illi l-attur nomine jrid iġib prova sodisfaċenti ta' l-awtorità tiegħu sabiex jistitwixxi l-azzjoni odjerna;

2. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li Daoud Khidir Younis issulloka l-fond 159, The Strand, Sliema, u ttrasferixxa l-mobbli fl-imsemmi fond lil Oliver Agius permezz ta' skrittura privata tat-2 ta' Settembru, 1981, li kopja tagħha qegħda tiġi hawn annessa bħala Dokument "A" u l-imsemmi Daoud Khidir Younis kellu d-dritt jagħmel dan bis-saħħa ta' skrittura privata oħra tal-5 ta' Settembru, 1980, li kopja tagħha wkoll qegħda tiġi hawn annessa bħala Dokument "B";

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju l-eċċipjent akkwista l-mobbli fl-imsemmi fond in *buona fede* u għalhekk *it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda;*

4. Illi fin-nota tax-xhieda annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni saru korrezzjonijiet fis-sens li ġew indikati xi xhieda mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa skond il-liġi w għalhekk l-eċċipjent jirriżerva illi jopponi ruħu għall-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra u bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda tiegħu, kif ukoll id-dokumenti li ġew eżebiti minnu man-nota ta' l-eċċezzjonijiet;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Paul Lia u l-Prokuratur Legali John Privitera nomine li biha eċċepew:

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għalhekk jirriżervaw li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra."

*Omissis;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-Avukat Dottor Paul Lia *et nomine* li biha eċċepixxa ulterjorment:

1. In-nullità taċ-ċitazzjoni stante li skond il-*Memorandum* u *Articles of Association* tal-kumpanija attriċi, Edgar P. Bonnici Cachia ma kellux dritt jaġixxi waħdu mingħajr *Board Resolution,* f'isem l-istess soċjetà;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u semgħet lid-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Agius:

Illi dan il-konvenut, fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu qiegħed jissottometti illi l-attur irid iġib prova sodisfaċenti ta' l-awtorità tiegħu sabiex jistitwixxi l-azzjoni odjerna. Huwa ssottometta (fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu) li fin-nuqqas, il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż;

Illi l-attur Bonnici Cachia qiegħed jidher waħdu f'din il-kawża unikament għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà

*Golden Holdings Company Limited*. Illi mid-dokument EBC 1 eżebit mill-attur fis-seduta tal-21 ta' April, 1986, ċjoè il-"*Memorandum and Articles of Association*" tas-soċjetà attriċi, jirriżulta li kull direttur jista' jirrappreżenta lis-soċjetà fi proċeduri ġudizzjarji "*provided that he is duly authorised by the Board*" *(of Directors)*. Jirriżulta li l-attur Edgar Bonnici Cachia huwa direttur *tas-soċjetà attriċi però huwa ma ġabx provi li l-Board* tad-Diretturi awtorizzah jintavola din il-kawża;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-attur Edgar Bonnici Cachia ma setax jistitwixxi din il-kawża għan-nom tas-soċjetà msemmija mingħajr ma jkun awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi kif espressament imsemmi fl-Istatut tas-soċjetà u fin-nuqqas mingħajr l-awtorità tal-*General Meetings*. F'dan il-kuntest Gower ("*The principles of Modern Company Law*" f'para. 583) jgħid hekk:

"*Normally therefore, the company itself is the proper plaintiff, and the only proper plaintiff, in an action arising out of a dispute within the company, and the appropriate agency to start on action on the company's behalf is the board of directors, to whom this power is delegated as an incident of managing the company. However, it is well established that if the directors cannot or will not start proceedings in the company's name (and if they themselves are the defendants they obviously will not) the power to do so reverts to the General Meeting;*"

Illi f'din il-kawża l-uniku direttur u azzjonista ieħor tas-soċjetà msemmija ġie mħarrek "għal kull interess li jista' jkollu" u l-kawża ġiet diretta wkoll kontra terza persuna ċjoè l-konvenut Oliver Agius. Ġie allegat li l-konvenut Younis ad insaputa ta' l-attur ċeda oġġetti mobbli proprjetà tas-soċjetà attriċi lill-konvenut Agius u qed jiġi mitlub li dan il-konvenut ikun ikkundannat li jirritorna l-istess oġġetti jew iħallas il-valur tagħhom;

Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-attur ma setax jistitwixxi din il-kawża mingħajr id-debita awtorizzazzjoni, għan-nom tas-soċjetà msemmija. Jekk tali awtorizzazzjoni ma kinetx possibbli li tiġi ottenuta u jekk l-attur, fil-kapaċità personali tiegħu ta' "*shareholder*" tas-soċjetà kien iħoss li l-operat allegat tal-konvenuti kien ta' preġudizzju għalih, allura ma huwiex eskluż li l-attur seta' jinizja proċeduri ġudizzjarji f'ismu proprju. Kif jgħid Gower (op. Cit. f'paġna 582):

*"Where the breach is one which could not be remedied by an ordinary resolution of the company the courts have for some time recognised that it is an infringement of the personal rights of the member in respect of which he can therefore bring proceedings;"*

Illi la din il-Qorti waslet għal din il-konlużjoni, isegwi li l-eċċezzjoni msemmija tal-konvenut Agius hi ġustifikata u konsegwentement hemm lok li l-konvenuti jkunu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Għal dawn il-motivi:

"Tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Agius u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju u bl-ispejjeż kontra l-attur;"

*Rat a fol.55 in-nota tal-appell tal-attur nomine li permezz* tagħha interpona appella mis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti u a fol.57 il-petizzjoni tal-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tagħti l-provvedimenti kollha opportuni u neċessarji biex il-kawża titkompla; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat a fol.64 ir-risposta tal-appell tal-konvenut appellat Oliver Agius li biha għar-raġunijiet fiha indikati ssottometta li *s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma*, li l-*aggravji* tal-appellant huma insostenibbli u li għalhekk l-appell tiegħu għandu jiġi respint bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Rat a fol.66 ir-risposta tal-appell tal-kuraturi deputati Dr Paul Lia *et nomine* li biha hu wkoll issottomettaw li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Onorabbli Qorti skartat għal kollox mingħajr ma tat raġuni suffiċjenti l-argument tiegħu kontenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu u cjoè li hu ma kellu bżonn ebda awtorizzazzjoni tal-Bord peress

li l-uniku direttur ieħor huwa l-konvenut Younis li għalhekk qatt ma seta' jagħti l-kunsens tiegħu;

Skond l-appellant il-każ odjern kjarament jaqa' fil-kwadru tas-sentenzi ingliżi ċitati minnu. L-allegazzjoni tiegħu hija li d-direttur l-ieħor kiser id-doveri tiegħu bil-mod imsemmi fis-sentenzi ċitati u għalhekk il-kawża għandha tiġi istitwita mis-soċjetà u minnha biss. Kieku l-argument tas-sentenza appellata jiġi aċċettat il-kumpanija qatt ma tista' fiċ-ċirkostanzi tal-każ taġixxi għad-drittijiet tagħha. Din hija teorija inaċċettabbli;

L-appellant issottometta wkoll li l-ewwel Onorabbli Qorti ma għamlitx distinzjoni bejn azzjoni tal-kumpanija li tilledi d-drittijiet indirettament ta' azzjonista minoritarju u azzjoni li tilledi d-drittijiet tal-kumpanija kollha kompriżi l-azzjonijisti maggjoritarji;

Skond l-appellant il-każ fejn azzjonista jrid jaġixxi f'ismu huwa relatat għal meta d-drittijiet tal-*minority shareholders* huma leżi. Dan però mhux il-każ preżenti fejn id-drittijiet leżi huma dawk tal-kumpanija. L-oġġetti li nbiegħu illegalment iridu jiġu ritornati lill-kumpanija. għalhekk l-azzjoni trid bil-fors issir għan-nom u fl-interess tal-kumpanija u hawnhekk l-interess tal-kumpanija huwa l-interess tal-azzjonista maggjoritarju li huwa l-attur. Jekk ai termini tal-istatut azzjoni ma tistax issir għaliex l-uniku direttur l-ieħor huwa l-konvenut, li għalkemm kien imsejjaħ *meeting* tad-diretturi dan baqa' ma attendiex għall-*meeting*, ċertament l-azzjoni tista' ssir;

Barra minn dan, ikompli jissottometti l-appellant, l-ewwel Onorabbli Qorti għalkemm qagħdet ħafna fuq il-Gower ma

eżaminatx il-kwistjoni kollha kif esposta minn dak l-awtur. Infatti il-Gower jispjega li jekk persuna li għandha konnessjoni ma' soċjetà kummerċjali taġixxi f'isem is-soċjetà għalkemm ma għandhiex id-dritt tar-rappreżentanza tista' ssostni l-azzjoni tagħha jekk fil-*general meeting* li jsir sussegwentement l-azzjoni tiġi awtorizzata u f'każijiet bħal dawn normalment il-Qorti tissoprassjedi sakemm tittieħed id-deċiżjoni mill-*general meeting*. Għalhekk f'dan il-każ l-iktar li setgħet tagħmel il-Qorti jekk riedet tikkunsidra l-eċċezzjoni tal-konvenut kien li tissospendi l-kawża billi tissoprassjedi sakemm jissejjaħ *general meeting* biex jgħaddi r-riżoluzzjoni neċessarja. F'dan il-każ però dan ma kienx neċessarju għaliex l-azzjoni stess fiha nfisha hija approvazzjoni tar-riżoluzzjoni sabiex tiġi istitwita kawża kontra l-konvenut u għalhekk billi l-attur waħdu għandu 51 fil-mija tal-azzjonijiet lanqas ma huwa l-każ li l-Qorti toqgħod tissopprassjedi;

L-appellant Agius min-naħa tiegħu jissottometti illi fl-istadju tal-appell l-appellant biddel it-teżi tiegħu billi fl-ewwel istanza kien sostna l-azzjoni fuq id-drittijiet tal-minoranza u fuq is-sottomissjoni li l-*articles* japplikaw għall-azzjonijiet lit-terzi. F'dan il-każ il-volontà tal-kumpanija hija nieqsa u huwa perikoluż li jiġi aċċettat li soċju/direttur jista' minkejja dak li jkunu jistipulaw l-*articles* jew għax jallega li d-drittijiet tiegħu bħala *minority shareholder* ġew leżi jew għaliex ifettillu jaħseb li direttur ieħor ma aġixxiex fl-interess tas-soċjetà, jaqbad u jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji mingħajr l-awtorizzazzjoni neċessarja għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà. Fl-aħħarnett l-appellat jirrileva wkoll li l-*general meeting* qatt ma ta l-awtorizzazzjoni lill-appellant li jaġixxi u l-fatt li għandu 51 fil-mija mill-ishma ma jiddispensax miż-żamma tal-*general meeting* kif jippretendi l-appelant;

Ikkunsidrat:

Illi, verament, aktar ma tħares lejn l-atti proċesswali, din il-Qorti tara li b'tentattiv biex l-ewwel jipprova jsostni l-azzjoni kif istitwita u sussegwentement biex jipprova jiġġustifika l-appell, l-attur appellant irnexxielu jistrada l-kawża fuq binarji aktar akkademiċi milli verament rilevanti għas-soluzzjoni tal-każ;

Infatti, il-mod kif din il-Qorti tħares lejn il-każ huwa sempliċi ħafna u ċjoè jekk l-attur Edgar Bonnici Cachia li istitwixxa din il-kawża "għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà" imsemmija kellux dritt jistitwiha f'din il-kwalità minnu pretiża fit-termini tal-istatut soċjali u jekk ma kellux dan id-dritt kellux xi dritt alternattiv jistitwiha kif istitwiha taħt xi liġi jew prinċipju tal-liġi;

Fil-fehma tiegħu, dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti dwar l-istatut soċjali tas-soċjetà msemmija huwa korrett. Apparti l-miżerja ta' "*drafting*" tal-artikolu rilevanti, hu ovvju li skond l-istatut biex wieħed mid-diretturi jkun jista' jirrappreżenta s-soċjetà fi proċeduri ġudizzjarji għandu bżonn l-awtorizzazzjoni tal-Bord tad-Diretturi, awtorizzazzjoni li fil-każ preżenti ma hemmx u l-appellant isostni li ma setax ikun hekk billi l-uniku direttur ieħor huwa l-konvenut Younis li fil-konfront tiegħu qed tiġi intentata l-azzjoni;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-attur jippretendi li għandu d-drittijiet kollha immaġinabbli; ċjoè li seta' jaġixxi personalment għax protett bit-tejorija soċjetarja li tissalvagwarda d-drittijiet tal-minoranza; li hu finalment għandu 51 fil-mija tal-kapital azzjonarju u għalhekk ultimament jiddeċidi kollox hu u għalhekk

jgħid x'jgħid l-istatut, huwa finalment jista' dejjem jiddeċidi li għandu dritt jirrappreżenta lis-soċjetà; li l-Qorti għandha tissoprassjedi sakemm il-*General Meeting* speċi jirratifika l-azzjoni minnu ntentata allavolja f'dawn is-snin kollha li għaddew ma jidhirx li sar xi pass f'din id-direzzjoni. Però, sadanittant la spjega għaliex l-azzjoni għamilha mhux bħala azzjonista, mhux f'vesti personali, iżda in rappreżentanza tas-soċjetà daqs li kieku ir-rappreżentanza ġudizzjarja kienet vestita fih kif anqas spjega għaliex l-azzjoni kellha bilfors tiġi istitwita kif fil-fatt ġiet istitwita;

Din il-Qorti tħoss li l-ewwel ma għandha tikkunsidra huwa l-importanza tal-prinċipju legali fis-sistema nostrana li soċjetà kummerċjali għandha personalità separata u distinta minn dik tas-soċji kemm fir-relazzjonijiet ma' terzi kif ukoll mal-istess soċji. It-tieni prinċipju fundamentali huwa li l-istatut jirregola ir-relazzjonijiet interni fis-soċjetà kif ukoll dawk esterni ma' terzi. Il-fatt li soċjetà tista' tkun waħda żgħira bħal dik f'dal-każ fejn faċilment tista' tinħoloq sitwazzjoni ta' stall jew *impasse* kif ukoll tista' tkun waħda kbira, huwa *toto caelo* irrilevanti għax ir-riżultat ma jista' qatt ikun jiddependi minn differenzi bħal dawn;

Din il-Qorti, diġà f'okkażjoni preċedenti (Falla vs Sorotos – 12/3/76) stabbiliet id-dritt ta' azzjonista minoritarju li **in vesti personali ċjoè individwalment** jħarrek lil xi wieħed mid-diretturi personalment f'ċerti ċirkostanzi li jissemmew f'dik is-sentenza. Dana qed jingħad għaliex l-appellant donnu qed jippretendi li f'każijiet bħal tiegħu m'hemm ebda soluzzjoni legali għall-*impasse* li inqala'; iżda effettivament bl-argumenti tiegħu stess ikkontradixxa lilu nnifsu speċjalment tenut kont li f'dan il-każ huwa anki azzjonista maġġjoritarju. Infatti jekk tali dritt ta' azzjoni jispetta lill-azzjonista minoritarju *multo magis* jispetta

lil dak maġġjoritarju. Fil-fatt, però l-importanza ta' dan hi biss f'kuntest relativ u ta' "*short term*" billi eventwalment l-azzjonista maġġjoritarju jista' dejjem jikkontrolla s-sitwazzjoni fil-*general meeting* speċjalment meta jippretendi li huwa l-vittma;

F'dan il-każ l-attur qed jippretendi li kellu dritt jeżerċita dik li fid-dottrina tissejjaħ id-"*derivative action*" però jiġi immedjatament osservat li bħala preposizzjoni għal din l-azzjoni l-attur irid qabel xejn jissodisfa lill-Qorti li ma kellux rimedji oħrajn jew li jekk kellu eżawrihom inutilment. Fis-sistema tagħna fejn l-istatut jista' jitbiddel b'ħafna aktar faċilità minn f'sistemi oħra bħal dak ingliż, dan hu aktar importanti speċjalment trattandosi ta' azzjonista maġġjoritarju. Iżda ferm aktar importanti f'dan il-każ hu li l-attur sempliċement ma ipprova jagħmel xejn għal perjodu twil u mbagħad ippretenda li anki anqas hemm bżonn ta' *general meeting* għax fi kwalunkwe każ huwa għandu il-maġġoranza. Il-liġi tagħna ipprevediet diversi okkażżjonijiet ta' *impasse* u tipprovdi għal ħafna soluzzjonijiet fosthom biex jissejjħu l-laqgħat neċessarji u biex jiġu protetti drittijiet minoritarji però ma ipprevedietx id-dritt ta' azzjonista maġġjoritarju li jarroga għalih drittijiet ta' rappreżentanza soċjali ad esklużjoni ta' dak li hu konvenut fl-istatut soċjali meta għandu soluzzjonijiet oħra – soluzzjonijiet diversi li hu stess jaċċenna għalihom fid-diversi noti ta' osservazzjonijiet li ppreżenta;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti tara li l-attur ma kellu ebda dritt jazzjona lill-tersi u lid-direttur l-ieħor f'isem u in rappreżentanza tas-soċjetà mingħajr ma juri li ma kellux soluzzjonijiet oħra biex ma jintmissux il-prinċipji li ssemmew fil-bidu ta' din is-sentenza;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza ikunu a kariku tal-appellant.